NOTIFIKA

ART 187(1) TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis 7 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 19**
**Rikors Guramentat Numru : 530/2018/LSO**

**Martin Agius [K.I. 0745362M)**

**vs**

**Ronald Agius [K.I. 369872M] u Carmen Buttigieg [K.I. 0469159M]**

**Il-Qorti,**

Dan hu provvediment dwar il-validita` tan-notifika lill-intimat Ronald Agius.

Il-kawza odjerna tirrigwarda talba ghas-sehem riservat mill-eredita` tal-genituri defunti Francesco u Mary Agius, kif ukoll talba sabiex il-Qorti tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi u sabiex tigi likwidata l-massa ereditarja tad-defunti konjugi Agius.

**Provi:**

**Ronald Agius** xehed (fol 45-47)[1] u qal hu ighix Bormla fl-indirizz No. 1, Block 7, New Street Bormla, Triq l-Inkurunazzjoni Bormla, u wera l-karta tal-identita` tieghu fuq dan l-indirizz. Rigward l-indirizz Row A u 4 *Caravan site* Ghadira, qal li hu jkun hemmhekk fl-ghaxijiet fis-sajf ghax jorqod hemm. Mistoqsi dwar Kristina Dalli, jekk tghix f'dan l-indirizz tal-Mellieha qal li le, u mhijiex il-*partner* tieghu, izda kkonferma li jafha u ilu jafha xi sena u nofs. Mistoqsi min jaghtiha cavetta tal-fond lil din Kristina, qal, li meta jkun hemm hi jkun hemm nies ohra wkoll fil-fond, mhux hi wehedha, jkunu grupp ta' nies. Qal li hu jahdem ghar-rasu u jaghmel *water sports* u xoghol tal-bahar, u mhuwiex impjegat mal-Costa del Sol. Semma li l-hinijiet tax-xoghol tieghu huma mis-sebgha ta' fil-ghodu sat-tmienja ta' fl-ghaxija.

**Il-Purtier Saviour Falzon** xehed (fol 55-59)[2] dwar ir-riferta a fol 41, li hu ghamel fit-2 ta' Awwissu 2018, qal li kien hemm zewg notifiki tal-istess persuna, l-Ghadira l-Mellieha Triq il-Marfa. Spjega li l-ewwel mar fil-post Costa del Sol, u sab zewg Rumeni wara l-bar, li meta saqsihom ghal Ronald Agius infurmawh li ma jkunx hemm f'dak il-hin izda jkun hemm il-*partner* tieghu, u meta telaq mxew fuq ir-

[1] Seduta tas-6 ta' Novembru 2018.
[2] Seduta tas-6 ta' Novembru 2018.

ramel u rritornaw ma’ persuna, li hu hadha li hi l-*partner* tieghu u nnotifikaha lilha u qalilha meta jigi s-Sur Ronald ghandha taghtihielu. Specifika li din in-notifika saret fir-*restaurant* Costa del Sol u fil-‘hut’ il-hadra tal-‘caravan site’ ma kienx mar. Dawn il-barranin gol-Costa del Sol, qalulu li din il-persuna li hu halla n-notifika maghha kienet il-*partner* tieghu. Meta giet u qaltlu isimha ma rax identifikazzjoni. Mistoqsi jekk fejn mar kienx Bar Sole Beach, u b’dak l-indirizz li kellu Costa del Sol, hu fehem li Ronald Agius kien jahdem hemm, u dan ir-*restaurant* jinsab mal-bahar. Hu kkonferma li meta giet il-persuna li kienet Kristina Dalli, saqsiha u hi qaltlu li kienet il-*partner* ta’ Ronald Agius.

**Martin Agius** hu r-rikorrent xehed u dwar il-post Costa del Sol, qal li nbidel l-isem u nbidel is-sid u l-isem il-gdid sar Sol Beach, izda l-post huwa l-istess. Spjega li huh jahdem bil-*water sports* u jkun fuq ir-ramel, bejn il-post Sol Beach u l-Munchies. Qal li ghandu informazzjoni dwar id-dghajsa numru 16572, accessibli mill-internet, fejn tidher irregistrata ma' Transport Malta, esebit bhala Dok MA1, MA2 u MA3. Mistoqsi dwar Christine Dalli jekk jafx li hi l-*partner* ta’ huh, qal li hu ma jaf xejn fuqha.

**In kontro-ezami** qal, li fuq id-dokument ta’ Transport Malta Costa del Sol ma jissemmiex u jidher li d-dghajsa hi irregistrata f’isem huh. Specifika li l-*isticker* ta’ fuq id-dghajsa, ghadha tghid Costa del Sol u d-dghajsa ilha ghand huh ghal disa’ snin ghadha tghid. Dwar il-hajja personali ta’ huh qal, li jaf li kien mizzewweg lil Helen Agius u li ghandu kawza ta’ separazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

In-notifika ta' att gudizzjarju ghandu jkun meqjus validu meta jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-**artikolu 187(1) tal-Kap 12**:

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persua tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar, jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-ufficjal inkarigat min-notifika ghandu jaghmel zewg tentattivi ohra biex jinnotifika l-kopja tal-iskruttura minghajr ebda awtorizzazzjonijiet ohra mill-Qorti u dawn it-tentattivi ghandhom isiru f'hinijiet differenti tal-gurnata bl-ahhar tentattiv ta' notifika jsir wara l-hinijiet gudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika ghandu jsir wara li jithallas id-dritt xieraq dovut lir-Registru. L-ufficju inkarigat min-notifika ghandu jirregistra certifikat separat ta' notifika fl-atti gudizzjarji ghal kull tentattiv li jkun sar."*

Jigi ritenut, li l-Ligi ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tigi osservata *ad litteram* – (Vol. XVII p.1 p879). Inghad "*Il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi osservata alla lettera e non per equipollens."*

Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem.*

(Ara **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**, Qorti tal-Appell – 14 ta' Gunju 2001).

Fil-kaz **Said International Ltd vs MAC Ltd. et,** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 2003, inghad:

*"Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi pprovat konkluzivament illi n-notifika saret skont kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub."* (Ara wkoll **Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud vs Medairco Ltd. et**, Qorti tal-Appell, deciza fil-11 ta' Novembru 2011).

Il-Qorti tal-Appel Inferjuri fil-kaz **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc** deciz fit-28 ta' Marzu 2007, inghad:

*"In-notifika f'idejn min hu indikat li jircievi l-posta f'dawk ic-cirkostanzi hi, f'konkorrenza ma' dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista' tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta` inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament ezegwita. B'dan il-mod, l-artikolu 187(1) precitat johloq il-prezunzjoni 'iuris tantum' illi n-notifikant hu xjenti mill-att tal-avviz notifikat lilu ghall-instawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju tal-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att."* (Ara wkoll **Av. Dottor Michael Grech noe vs AG**, PA Sede Kostituzzjonali (51/2010/AF) – 23 ta' Marzu 2017.

Jibda biex jinghad li fil-kaz odjern, qed tigi ikkontestata r-riferta, a fol 41 *a tergo,* tan-notifika li saret lill-intimat Ronald Agius.

Minn apprezzament tal-provi jirrizulta li meta l-Marixxal mar biex jaghmel in-notifika, huwa ma marx u ma accediex fl-indirizz fejn hemm il-'caravan site' u l-'huts' il-hodor, izda minflok huwa mar mill-ewwel fir-*restaurant* li jinsab fuq il-bajja tal-Mellieha gja bl-isem Costa del Sol. Illi jirrizulta mir-ritratti esebiti, u kif ukoll mill-provi, minn dak ikkonfermat minn Martin Agius, u minn dak ritenut mill-avukati difensuri tal-intimati, li l-isem Costa del Sol m'ghadux jezisti u l-fond illum igib l-isem Bar Sol Beach.

Minbarra hekk, in-notifika thalliet f'idejn Kristina Dalli. Il-Purtier Saviour Falzon ikkonferma fix-xhieda tieghu, li din il-persuna ikkonfermatlu personalment li hija kienet il-*partner* tieghu, wara li l-impjegati barranin f'dak l-istabbiliment kienu qalulu li ser isejhu lill-*partner* ta' Ronald Agius. Illi l-istess purtier kompla jispecifika fix-xhieda tieghu, li jekk Dalli kinitx *partner* fil-hajja personali jew fix-xoghol, huwa mhuwiex f'pozizzjoni li jiddetermina dan. Min-naha l-ohra l-intimat Ronald Agius cahad fix-xhieda guramentata tieghu, li Kristina Dalli hija l-*partner* tieghu u cahad ukoll, li hija tghix fl-indirizz moghti ta' Row A3, 4, *Caravan site,* Ghadira. Ir-rikorrent Martin Agius, fix-xhieda tieghu, ukoll ma kienx f'pozizzjoni li jindika jekk Kristina Dalli hijiex il-*partner* ta' huh Ronald Agius. Dan jimplika li meta jitqabbel dan mal-kliem tal-ligi kif stipulat fl-artikolu 187(1) sucitat, ma jirrizultax li Kristina Dalli kienet membru tal-familja, jew tirrisjedi fid-dar mal-intimat. Ghalhekk, dak sottomess mill-avukat difensur tar-rikorrent, fit-trattazzjoni, li Kristina Dalli kienet persuna awtorizzata biex tircievi l-posta ghan-nom tal-intimat fil-parametri ta' dak li jipreskrivi l-artikolu 187 tal-Kap 12, ma jregix.

Inoltre`, huwa importanti, li jigi osservat, li r-*restaurant* imsejjah Costa del Sol, mhuwiex la l-post fejn kien joqghod l-intimat, la l-indirizz postali tal-intimat, u rrizulta mill-assjem tal-provi, li dak il-post ma kienx il-post tax-xoghol tal-intimat. Difatti, l-intimat, Ronald Agius, sostna fix-xhieda tieghu, li hu jahdem ghar-rasu, billi jgestixxi attivita' ta' *water sports*, u r-*restaurant* Costa del Sol ma kienx il-post tax-xoghol tieghu. Ix-xhud, Martin Agius, hu l-intimat Ronald Agius, ukoll ikkonferma li Ronald Agius kien jahdem ghar-rasu, u kien ikun stazzjonat fuq ir-ramel bejn iz-zewg *restaurant*s ‘Munchies’ u ‘Sol Beach’. Mid-dokumenti ta’ Transport Malta esebiti a fol 71 *et sequens*, u minn Dok MA3 a fol 78 jidher li l-*water sports operation licence* u d-dghajsa 16572 kien kollox registrat f’isem Ronald Agius.

Fid-dawl ta’ dan, ma jirrizultax li n-notifika thalliet fil-post tax-xoghol tal-intimat. Gie sottomess ukoll mill-avukat difensur tar-rikorrent, li l-intimat ammetta li hu jkun fl-indirizz indikat Row A3, 4, *Caravan site*, Ghadira fis-sajf fil-ghaxijiet. Madankollu, il-Purtier Saviour Falzon ikkonferma fix-xhieda tieghu, li hu hemmhekk ma marx biex jaghmel in-notifika. Difatti, kif tajjeb sollevat mill-avukat tal-kontro-parti, fl-istess trattazzjoni, in-notifika f’dak l-indirizz tal-*caravan site* ghadha pendenti. Jigi osservat, li l-indirizzi tal-*caravan site* u tar-*restaurant* ‘Costa del Sol’ fejn saret in-notifika huma distinti.

Illi aparti li l-fond fejn saret in-notifika imnizzel bhala “Costa del Sol” m'ghadux jismu hekk , ma rrizultax li dan kien il-post tax-xoghol tal-intimat Ronald Agius, peress li rrizulta li huwa ‘self-employed’ u jgestixxi l-attivita' tieghu minn post iehor. Fit-teni lok, il-persuna li maghha thalliet in-notifika Kristina Dalli, ma gietx identifikata, kif ikkonfermat mill-

istess purtier fix-xhieda tieghu u lanqas giet notifikata fir-residenza tal-intimat il-Mellieha. Inotre`, ma rrizultax mill-provi li hija l-*partner* tal-intimat, b'hekk ma giex accertat u lanqas affermat mill-Puriter jekk hija kinitx membru tal-familja jew membru tad-dar kif jistipula l-artikolu 187(1) tal-Kap 12.

Ghaldaqstant tqies li t-tentattiv tan-notifika li saret hija invalida ghax in-notifika ma saritx konfermament mal-Ligi.

Konsegwentement, *in vista* tal-premess, *stante* li l-intimat ma giex notifikat bil-mod kif titlob il-Ligi, tiddikjara li n-notifika mhijiex valida skont il-ligi.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tiddikjara li n-notifika li saret esebita a fol 41 *a tergo* tal-process mhijiex valida ghall-finijiet u effetti tal-Ligi u tordna li l-atti jergghu johorgu ghan-notifika skont il-Ligi.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**07 ta' Frar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**07 ta' Frar 2019**